MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 531/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anthony Agius)**
**Vs**
**Anna Le Brun**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bhala direttur tal-kumpanija Cleanwell Services Limited (C 19323) ghas-snin 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004 u 2005 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqset li tibghat il-formoli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqset milli thares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Novembru, 2010, li biha, l-Qorti laqghet l-eccezzjoni sollevata mill-appellata w iddikjarat l-azzjoni fil-konfront ta' l-appellata preskritta.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-14 ta' Dicembru, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-entenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fil-parti tas-sentenza fejn iddikjarat li l-imputata kienet direttrici tas-socjeta` Cleanwell Services Ltd minn qabel 1 ta' Jannar, 1999 sal-11 ta' Mejju, 2000 meta irrinzenjat u li konsegwentement hija tista' tinsab hatja tan-nuqqasijiet ta' din is-socjeta` li jikkostitwixxu reat sad-data tar-rizenja taghha bhala direttrici, filwaqt li tirrevokaha w thassaraha f'dik il-parti fejn iddikjarat l-azzjoni fil-konfront tal-imputata preskritta ghall-perjodu qabel il-11 ta' Mejju, 2000 u minflok ghar-ragunijiet fuq premessi, issib lil Anna Le Brun hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha ghall-perjodu ta' qabel il-11 ta' Mejju, 2000 u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali lliberat lill-imputata mill-imputazzjonijiet relattivi ghall-perjodu ta' qabel il-11 ta' Mejju, 2000 wara li l-Qorti ddikjarat li din l-azzjoni kienet preskritta, meta fil-fatt skond il-ligi din l-azzjoni penali ma kienitx estinta bl-effett tal-preskrizzjoni u b'hekk l-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) ghamlet ukoll applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi u apprezzament mhux ragjonevoli tal-provi a karigu ta' Anna Le Brun u dan ghaliex mill-provi prodotti, dik l-istess Qorti ma setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni minnha milhuqa.

L-esponent qieghed jillimita dan l-appell ghal dak koncernanti l-perjodu mill-1 ta’ Jannar 1999 sal-11 ta’ Mejju, 2000. Dan peress li ma hemmx kontestazzjoni tal-fatt li l-imputata Anna LeBrun kienet direttrici tas-socjeta` Cleanwell Services Limited minn qabel l-1 ta’ Jannar 1999 sal-11 ta’ Mejju 2000 u ghaldaqstant l-esponent jaqbel mal-Qorti tal-Magistrati fejn din irriteniet illi l-appellata setghet tinstab hatja biss tan-nuqqasijiet ta’ din is-socjeta` li jikkostitwixxu reat sad-data tar-rizenja taghha bhala direttrici fil-11 ta’ Mejju, 2000.

Illi fir-rigward tal-perjodu mill-1 ta’ Jannar 1999 sal-11 ta’ Mejju 2000, bid-dovut rigward lejn l-ezercizzju maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha, l-esponent ihoss li gie pruvat minghajr dubju dettat mir-raguni li l-appellata ma kienitx konformi mal-ligi u li hija kienet wettqet ir-reat imputat lilha u dan ghar-ragunijiet li gejjin.

Illi fir-rigward tal-formoli FS5, il-konsiderazzjoni tal-Qorti jidher illi kienet dik illi “*Ghalkemm gie allegat li l-formoli FS5 (dovuta kull xahar skond ir-Regolament 21 tal-Avviz Legali 88 tas-sena 1988) ghall-istess snin ma ntbaghtux, ma jirrizxultax bi precizjoni jekk dawn effettivament intbaghtux jew le u jekk iva meta u liema gew mibghuta”.* Illi dan bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti huwa argument fallaci. Illi x-xhud Mario Cilia, in rapprezentanza tad-Dipartiment fix-xhieda tieghu kien qal b’mod specifiku li l-ebda pagament ma kien sar mill-appellata ghas-snin relattivi. Illi jigi rilevat illi d-Dipartiment itenni li sabiex formola tal-FS5 tkun valida, din trid tkun necessarjament akkumpanjata mill-pagament, u allura n-nuqqas ta’ pagament fih innifsu jkun ifisser li l-imputata ma kienitx konformi mal-ligi fir-rigward tal-FS5.

Illi l-esponenti jissottometti li dan kollu suespost johrog ukoll b’mod inekwivoku mir-Regolamenti applikabbli nnifishom. Illi l-esponenti jrid primarjament jirrileva f’dan ir-rigward li r-Regolamenti applikabbli ghall-Formoli FS 5 huma r-Regolament 15 u r-Regolament 20 tal-Avviz Legali 88 tas-sena 1998, u mhux ir-regolament 21 kif erronjament gie ndikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta). Illi

r-Regolament 15 jesigi li l-pagatur ghandu sal-ahhar gurnata tax-xoghol tax-xahar li jigi minnufih wara dak ix-xahar li matulu jkun hallas emolumenti, jaghti r-rimessa dovuta lill-Kummissarju flimkien ma dak it-taghrif li jkun mehtieg li jinghata fuq l-apposita formola.

Illi fi kwalunkwe kaz, l-esponenti jissottometti li gie pruvat oltre kull dubbju dettat mir-raguni, li fil-perjodu relattiv ma sar l-ebda pagament, u allura dan necessarjament ifisser li l-appellanta ma kienitx konformi mal-ligi fir-rigward tal-formoli tal-FS5.

Illi fir-rigward tal-formoli tal-FS7, jirrizulta li l-Qorti tal-Magistrati kkunsidrat li *"l-formoli FS7 (dovuta fil-15 ta' Frar ta' kull sena skond ir-Regolament 22 ta' l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998) gew prezentati pero` jidher li ghad hemm xi pagamenti dovuta; mill-provi ma jirrizultax meta gew prezentati dawn il-formoli u ghal liema snin ghad baqa` xi bilanci".* Illi l-esponenti jirrileva li bid-dovut rispett, il-Qorti ghamlet enuncazjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi u apprezzament zbaljat tal-provi mressqa quddiemha w dan ghaliex skond ir-Regolament 22 applikabbli ghall-FS7, il-pagatur ghandu l-obbligu li jibghat Rikonciljazzjoni ta' kull sena dwar hlasijiet mill-pagatur shiha w korretta li rispettivament tkun tirreferi ghas-sena ta' qabel. Illi minn qari ta' dan ir-Regolament jirrizulta b'mod car li l-ligi titkellem biss dwar Rikonciljazzjoni u bl-ebda mod ma tesigi li ghandu jsir xi pagament ghall-fini tal-FS7. Illi l-pagamenti relattivi huma dawk li ghandhom isiru mal-FS5, u mill-provi rrizulta bic-car illi l-pagamenti tal-FS5 ghall-istess perjodu ma sarux, u ghaldaqstant l-istat ta' illegalita` ghadu jiddekorri.

Illi l-espsonenti jissottometti ulterjorament illi hawnhekk si tratta di reat permanenti, u ghaldaqstant il-Qorti tal-magistrati applikat l-artikolu 688(e) b'mod zbaljat u dan ghaliex fil-kaz ta' reati permanenti bhal fil-kaz odjern, se mai kellu japplika l-artikolu 691(1) tal-Kap. 9, li jghid espressament illi ghar-reati permanenti, iz-zmien tal-preskrizzjoni jibda mill-jum li fih ma tibqax il-permanenza tar-reat. Illi in oltre l-proviso tal-artikolu 23(12) ta' Kap. 372 jispecifika li z-zmien tal-preskrizzjoni m'ghandu qatt

jibda ghaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat ghal kollox id-disposizjonijiet tal-istess artikolu, filwaqt li l-proviso tal-artikolu 23(13) jipprovdi li r-reat jibqa` jezisti sakemm min jaghmel ir-reat ikun ikkonforma ma w hares id-disposizjonijiet ta' dak l-artikolu jew ta' kull regola msemmija fih. Illi dan essenzjalment ifisser li ma jkun hemm l-ebda preskrizzjoni, u dan kif gie mfisser fis-sentenza l-ismijiet **Il-Pulizija vs Avukat Dottor Albert Ganado** fejn il-Qorti rriteniet illi *"il-perjodu tal-preskrizzjoni jista' jibda biss meta ittermina l-vjolazzjoni, u ghalhekk f'kaz ta' reat permanenti ma hemmx preskrizzjoni.*

Illi ghaldaqstant fid-dawl ta' dak kollu suespost, l-esponent hu tal-fehma, li l-qorti tal-Magistrati ma setghatx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni minnha milhuqa stante li gie ppruvat li l-appellata ma hijiex konformi mal-ligi u stante li r-reati imputati lilha jibqghu jezistu sakemm l-istess appellata tkun konformi ma u thares id-disposizzjonijiet tal-ligi.

Ikkunsidrat.

B'Sentenza moghtiha mill-Qorti tal-Magistrati tal-25 ta' Frar, 2011, il-Qorti ddikjarat l-azzjoni fil-konfront ta' l-appellata preskritta peress illi wara t-11 ta' Mejju ta' l-2000 l-appellata ma baqghetx aktar direttrici ta' din is-socjeta, quindi ma kienitx f'pozizzjoni illi hija tottempra ruhha mal-Ligi. U peress illi ghaddew aktar minn sentejn mid-data fuq imsemmija l-Qorti ddikjarat l-azzjoni fil-konfront ta' l-appellata preskritta.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona dan l-Appell fejn qieghed jargumenta illi r-reati komtemplati f'din il-kawza huma reati permanenti u kkwota favur tieghu il-proviso ta' l-Artiklu 23(12) tal-Kap. 372 li jispecifika li z-zmien tal-preskrizzjoni m'ghandu qatt jibda ghaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat ghal kollox id-dispozizzjonijiet ta' l-istess Artikoli. Fil-waqt li l-proviso ta' l-Artiklu 23(13) jipprovdi li r-reat jibqa jezisti sakemm min jaghmel ir-reat ikun kkonforma ma u hares id-dispozizzjonijiet ta' dak l-Artikolu jew ta' kull regola msemmija fih. Dan l-ahhar proviso gie kkwotat ukoll mill-

Qorti tal-Magistrati fis-sentenza taghha u l-Avukat Generali argumenta illi meta l-ligi tghid, “min jaghmel ir-reat . . .” mhijiex qed tirreferi ghal xi kariga partikulari izda jibqa’ responsabbli irrespettivament jekk ikunx ghadu fil-kariga jew le.  Jekk l-appellat baqa’ ma pprezentax id-dokumenti sallum, allura jkun f’reat permanenti f’liema kaz il-preskrizzjoni ma timxix.

Il-fatt li direttur jirrezenja qabel ma wettaq l-obbligu tieghu jpoggi r-reat mhux ikkunsmat.  Argument li ma jistax ikun li direttur darba jirrezenja jigi ezonorat mil-obbligu tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni u jkun precedent perikoluz jekk dana jigi kkonfermat mill-Qorti. Direttur li jirrizenja volontarjament, volontarjament jaghlaq il-bieb biex jottempra ruhu mal-Ligi u ta’ dan m’ghandux jigi ppremjat.

Minn naha l-ohra d-difiza qieghda targumenta li d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti kienet korretta.  L-Avukat Generali qed jistieden lill-Qorti li jissana t-traskuragni tas-CIR fejn certa kazijiet imorru lura sa l-2008.  Jista’ jkun hemm diversi cirkostanzi kif direttur jirrizenja.  Wahda minnhom tinkludi dik illi jitnehha u minn imkien ma rrizulta fl-ebda kaz li direttur irrizenja minn jeddu.  Ghalhekk ir-reat hu istantanju. Il-mument illi direttur ma jottemprax ruhu mal-ligi u ma jibghatx id-dokumenti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fi zmien stipulat, allura f’dak il-mument jiskatta r-reat u ma jibqax wiehed permanenti.  Aktar importanti argumentat li ufficjal li ma jirrapprezenax kumpanija hu fl-impossibilta’ li jagixxi u mhux mistenni li jibqa mdendel u responsabbli ghal ghomru.  Ma jistax ikollok sitwazzjoni fejn CIR  joqghod ma jaghmel xejn u meta jfettillu jiftah il-kawza kontra nies illi ma jkunx aktar fil-kariga u ma jistghux iktar jottempraw ruhhom mal-Ligi.

Ikkunsidrat.

Hemm zewg kwistjonijiet partikulari x’jigu ventilati minn din il-Qorti qabel ma tidderimina din il-kwistjoni ta’ preskrizzjoni. L-ewwel hija jekk ir-reati kontempleti taht il-Kap. 372 humiex reati istantanji jew permanenti u t-tieni sa fejn direttur li ma jkunx fil-kariga jibqa’ responsabbli

ghall-obbligazzjnijiet assunti minnu versu l-Kummissarju tal-Taxxi Interni.

Rigward l-ewwel kwistjoni din il-Qorti diga rreferiet ghall-argument tad-difiza fejn dehrilha illi r-reat hu istantanju u jiskatta fil-mument meta d-direttur jonqos mill-obbligi tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni u l-ewwel Qorti ghamlet sew meta applikat l-Artiklu 688(e) tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti tirrileva pero' illi ghal dan il-kaz partikulari stante li si tratta ta' l-ex specialis ghandhom japplikaw it-termini ta' l-istess ligi u l-proviso ta' l-Artiklu 23(12) tal-Kap. 372 jitkellem car u jispecifika illi z-zmien tal-preskrizzjoni m'ghandu qatt jibqa' ghaddej qabel ma dik il-persuna tkun osservat ghal kollox id-dispozizzjonijiet ta' l-istess Artikoli. Quindi direttur fil-kariga jibqa responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghal dawk is-snin kollha li jkun naqas milli jibghat ir-returns u d-dokumenti lill-istess Kummissarju u r-reat kontemplati fl-Kap. 372 ghandhom jitqiesu bhala ta' natura permanenti u jibqghu hekk sa kemm id-direttur jiew il-persuna kkoncernata tottempra ruhha mal-ligi u tibghat l-informazzoni rikjesta lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

It-tieni kwistjoni hija sa fejn direttur jibqa' responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni anki meta ma jkunx ghadu direttur tal-Kumpanija. U hawnhekk l-appellat qieghed jecepixxi d-difiza ta' impossibilta. Argumenta illi darba huwa ma baqax aktar direttur tal-kumpanija ma kellux aktar access ghad-dokumenti u kotba tal-kumpanija quindi kien fl-immpossibilta illi jottempra ruhu mal-Ligi.

Ikkunsidrat.

Fil-waqt illi din il-Qorti tirrikonoxxi illi d-difiza ta' impossibilta' hija rikonoxxuta fis-sistema guridika taghna, bhala regola generali din id-difiza tista' tigi mqajma biss jekk dak li jkun ma jkunx pogga ruhu volontarjament fl-impossibilta' fizika illi jottempra ruhu mal-ligi. Quindi jekk is-sitwazzjoni tkun ta' self inflicted impossibility din id-difiza ma tistax treggi.

Il-proviso ta’ l-Artiklu 23(13), jipprovdi li r-reat jibqa’ jezisti “sakemm min jaghamel ir-reat . . .” Dawn il-kliem ifissru illi r-responsabilta tad-direttur jew min ghandu fuqu r-responsabilta’ illi jottempra ruhu mal-provvidimenti tal-Kap. fuq imsemmi 372 jibqa responsabbli versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni anke wara illi jkun spicca minn direttur. Peress illi l-kliem “min jaghmel ir-reat” ma fiha l-ebda definizzjoni partiklulari ta’ kariga rrespittivament jekk dak li jkun jkunx ghadu direttur jew le. Jekk ma jkunx ghadu direttur allura jkollu l-obbligu illi jipprova illi hu kien fl-impossibilta illi jottempra ruhu mal-ligi minhabba raguni jew ohra. Jekk direttur jirrizenja fi zmien partikulari volontarjament, allura volontarjament ikun ghalaq il-bieb sabiex jottempra ruhu mal-ligi u fil-konfront tieghu, l-preskrizzjoni ma tapplikax u l-proviso ta’ l-Artikolu 23(13) tal-Kap. 372 jibqa’ jissustissi fil-konfront tieghu.

Jekk minn naha ‘l ohra direttur jimrad b’tali mod illi jkun fl-inkapacita illi jottempra ruhu mal-ligi jew inkella kontra l-volonta tieghu jitnehha minn direttur qabel ma jkun jista’ jaqdi l-obbligazzjonijiet tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni allura hawn hekk hija kwistjoni ohra u l-appellat ikun jista’ jqajjem b’success id-difiza ta’ mpossibilita. Pero’ din il-prova jrid igibha l-appellat jew id-direttur koncernat illi juri lill-Qorti almenu sal-grad ta’ probabbilita illi huwa kien fl-impossibilita’ illi hu jaqdi d-doveri tieghu versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Fin-nuqqas ta’ din il-prova l-appellat jew direttur jibqa’ responsabli ghal zmien indefinit stante illi r-reati kontemplati taht il-Kap. 372 huma reati permanenti.

F’din il-kawza skond l-istess Sentenza l-appellata irrizenjat minn kariga ta’ direttrici tas-socjeta fit-11 ta’ Mejju, 2000. Minn dicitura ta’ din is-Sentenza din il-Qorti tifhem illi din ir-rizenja kienet wahda volontarja u l-istat anti guridiku dahlet fih volontarjament u quindi ma tistax f’dan l-istadju teccepixxi d-difiza ta’ l-impossibilita’ u r-responsabilta’ taghha versu l-Kummissarju tat-Taxxi Interni tibqa’ vigenti. Il-preskrizzjoni fil-konfront taghha tibqa’ ghaddejja sakemm hija tottempra ruhaha mal-ligi. Ghalhekk l-azzjoni fil-konfront ta’ l-appellata mhijiex

preskritta. Din il-Qorti sejra tillimita din id-decizjoni ghal din id-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' preskrizzjoni peress illi ma tistax tidhol fil-meritu ghax dan ma giex iddibattut quddiemha u x-xhieda lanqas ma giet riprodotta fl-Atti quddiem l-ewwel Qorti.

Ghalhekk tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-25 ta' Frar, 2010, tiddikjara l-azzjoni fil-konfront ta' l-appellat bhala mhux preskritta u tordna l-prosegwiment tal-kawza fuq il-meritu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------